AVVIŻ IMPORTANTI:

Il-Kunċert tad-19 ta' Dicembru mhux ser isir u għandu jitħassar mil-lista uffiċjali tal-kunċerti tal-Milied għal din is-sena, li issa niżel għal għaxra fl-għadd. Għaldaqstant, nitlobkom biex taqtgħuh minn fuq id-djarju tagħkom. U biex niżguraw li dawn il-kunċerti jirnexxu kollha qed nissuġġerixxi li kull membru tal-orkestra għandu talanqas jipparteċipa f'mhux anqas minn ħamsa minnhom, inkluż wieħed mit-tliet fund-raising concerts ta' Tas-Sliema, u dak tad-Dolmen biex ikun jista' jingħaqad magħna għall-Gala Buffet Dinner, gentilment offrut lilna mid-Dolmen Hotel, Qawra.

DONAZZJONIJIET: Wara s-suċċess li ksibna mill-fundraising reception (430 Ewro), bdejna niġbru donazzjonijiet minn dawk li ma setgħux jattendu nhar is-Sibt 16 ta' Novembru. Bi pjaċir inħabbru li numru ta' studenti membri tal-orkestra u oħrajn ġa taw id-donazzjoni tagħhom biex huma wkoll ikunu jistgħu jingħaqdu magħna meta niġu għar-recording. Hawn taħt hija lista tagħhom:

LYDEN BRIFFA
JENICE CAMILLERI
MARIA MALLIA
REBECCA PISCOPO
SERGIO SPITERI
WILLIAM SMITH
JESSICA GRECH
MICHELA MANGION

Minn dawn it-talin inġabret is-somma ta' 57 Ewro. Grazzi. Imma għad fadal aktar donazzjonijiet x'niġbru mingħand dawk il-membri tal-orkestra li s'issa għadhom ma ħarġux is-sehem taghhom. Min-naħa tagħna qed nitolbu donazzjoni ta' mhux anqas minn 5 Ewro.

KUPUNI: Bdew jitqassmu lill-membri tal-orkestra u oħrajn bil-għan li jinġabru aktar fondi li ser imorru biex jitħallsu l-ispejjes tar-recording u ħruġ tal-ewwel CD tal-UoM Junior College Orchestra fil-15-il sena anniversarju mit-twaqqif tagħha.

FLYER: Ma' kull kumpun ser jitqassam ukoll *flyer* li jinkludi lista ta' kunċerti tal-Milied fix-xahar ta' Diċembru, kif ukoll CV fuq l-orkestra tal-kulleġġ.

INĦEĠĠU: Biex għal dawn il-kunċerti li ġejjin iġġibu magħkom 'il tal-familja u 'l ħbiebkom ħalli jissapportjawna:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07 | Diċembru | @ 19.00 | Teatru JC | Dħul bi ħlas |
| 08 | Diċembru | @ 11.00-13.00 | Taħt it-tinda (Sliema) | Dħul b'xejn |
| 13 | Diċembru | @ 11.00-12.30 | Każin Banda San Ġużepp Ħamrun | Dħul b'xejn |
| 16 | Diċembru | @ 17.00-19.00 | Taħt it-tinda (Sliema) | Dħul b'xejn |
| 22 | Diċembru | @ 11.00-13.00 | Taħt it-tinda (Sliema) | Dħul b'xejn |
| 26 | Diċembru | @ 21.00-23.00 | Dolmen Hotel (Qawra) | Dħul b'xejn |

DRESS CODE: Għal dawn il-kunċerti ta' hawn fuq dejjem nilbsu jeans blu u top abjad, aħdar, jew aħmar. Tista' tintlibes ukoll *head-dress* b'tema marbuta mal-Milied. Ma ninsewx ukoll inġibu l-leġiju personali tagħna u xi labar għal kontra r-riħ speċjalment meta jmissna ndoqqu fuq barra.

Fil-każ tal-kunċerti l-oħra – 10 ta' Diċembru @ 9.30 (Konkatidral) u 12.30 Christmas on Campus (UoM), 12 ta' Diċembru @ 9.30 am (Bażilika Ta' Pinu, Għawdex), 15 ta' Diċembru filgħaxija (Qala, Għawdex) – l-ilbies dejjem għandu jkun kollox iswed + tie/scarf + leġiju.

PROGRAMMI TAĦT IT-TINDA (SLIEMA): Il-*fund-raising* concerts tat-8, 16 u 22 ta' Diċembru ser ikunu mqassmin b'tali mod li, fit-tieni parti, l-orkestra terġa' ddoqq, ħlief għal-dawk li jkunu bil-kant, l-istess xogħlijiet li tkun daqqet fl-ewwel parti, filwaqt li, Stefan bil-kitarra sola u t-Trio Montanaro (jew JC Recorder Ensemble) jistgħu, jekk iridu, idoqqu xogħlijiet differenti kull darba li jmisshom. Bejn l-ewwel u t-tieni taqsima jkun hemm intervall ta' 5 minuti. Xi studenti tat-tieni sena offrew li jieħdu ħsieb jiġbru d-donazzjonijiet. Min idoqq fir-recorder ensemble ma jinsiex iġib ir-recorder miegħu:

PART I

Marċ tal-Milied
Sanctuary of the Heart/3 Songs for Christmas
STEFAN
Sleighride
TRIO MONTANARO

PART II

How the Grinch stole Christmas
Mille Cherubini in Coro/Gesu' Bambino
STEFAN
Cantique de Noel
TRIO MONTANARO

PART III

Minuet and Trio (Haydn)
Christmas Lullaby/Halleluyah
STEFAN
Marshmallow World
TRIO MONTANARO

PROVI: Inħeġġu biex kemm jista' jkun nattendu l-provi li fadal. Dawn huma:

L-Erbgħa 4 ta' Diċembru @ 2.00 pm
Il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru @ 9.00 – 11.00 am. Importanti li studenti tal-JC tal-ewwel u t-tieni sena jattendu din il-prova għax dakinhar il-kor ta' c.40 student mill-iskola primarja ta' Birżebbuġa jkollu bżonn jipprova magħna. Mhix etika li tħalluhom jiġu għalxejn. Min għandu bżonn ikun eżentat mil-lezzjonijiet daknhar kemm jikteb ismu fuq il-formola li nipprovdilu jiena. Dawk li jaħsbu li ma jistgħux jiġu sagħtejn sħaħ jistgħu jiġu mqar siegħa bejn id-9.00 u 10.00 jew 10.00 u l-11.00 am.
Is-Sibt 7 ta' Diċembru @ 9.30 am

Il-provi jibqgħu jsiru b'mod regolari kif ġej:

L-Erbgħa 11 ta' Diċembru @ 2.00 – 4.00 pm. Prova ġenerali: kunċerti tat-12 u 13 ta' Diċembru
Is-Sibt 14 ta' Diċembru @ 9.30 – 11.30 am. Prova ġenerali: kunċerti tal-15 u 16 ta' Diċembru
Il-prova ta' nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru mhix ser issir
Is-Sibt 21 ta' Diċembru @ 9.30 – 11.30 am. Prova ġenerali: kunċerti tat-22 u 26 ta' Diċembru.